



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2013
SWD(2013) 48 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

li jistabbilixxi s-sistema ta' dħul/ħruġ għar-reġistrazzjoni tad-dejta tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

{COM(2013) 95 final}

{SWD(2013) 47 final}

{SWD(2013) 49 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jstabbilixxi s-sistema ta' dħul/ħruġ għar-reġistrazzjoni tad-dejta tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

1.1. Sfond

Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Frar 2008 *It-tnejn tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea*¹ il-Kummissjoni ssuġġeriet it-twaqqif ta' sistema ta' dħul/ħruġ (EES). Sistema bħal din tkun tinvolvi r-reġistrazzjoni tad-dejta personali flimkien mad-dati tad-dħul u l-ħruġ ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz ammess għal soġġorn qasir meta jaqsam il-fruntieri esterni. Il-Komunikazzjoni tal-2008 kienet akkumpanjata minn rapport tal-valutazzjoni tal-impatt².

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011 għamlu sejħa għal xogħol fuq fruntieri "intelliġenti" biex ikun imressaq 'il quddiem b'mod mgħaġġel. Bi tweġiba, il-Kummissjoni fil-25 ta' Ottubru 2011 adottat Komunikazzjoni ġdida dwar l-alternattivi varji u t-triq 'il quddiem³. Hija kkonkludiet li l-implimentazzjoni tal-EES se tipprovdli lill-Unjoni b'dejta preċiża dwar il-flussi tal-ivvjaġġar lejn u barra miż-żona Schengen fil-partijiet kollha tal-fruntieri esterni tagħha u dwar dawk li jibqgħu meta jkun skadielhom il-permess.

1.2. Għalfejn qed jiġi eżaminat il-ħolqien tal-EES

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2008 identifikat u eżaminat l-immigrazzjoni irregolari, inkluż in-nuqqas ta' dejta għall-identifikazzjoni ta' dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih, u t-terroriżmu u l-kriminalità serja bħala problemi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati permezz tal-ħolqien ta' EES. Kif spjegat fil-komunikazzjoni tal-2011:

¹ COM(2008) 69 finali.

² SEC (2008) 153 u Studju Preparatorju sabiex jinforma dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fir-rigward tal-ħolqien ta' sistema ta' dħul/ħruġ awtomatizzati fil-fruntieri esterni tal-UE u l-introduzzjoni ta' skema tal-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi bona fide ('Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati ") magħmul mill-GHK studju dwar il-Fattibilità Teknika tad-Dħul/Ħruġ magħmul minn Unisys. L-istudji huma ppubblikati fuq il-websajt:
http://ec.europa.eu/home-affairs/doc_centre/borders/borders_schengen_en.htm

³ COM(2011) 680 finali

*L-EES tippermetti kalkolu preċiż u affidabbli tal-permanenza awtorizzata kif ukoll il-verifika tal-istorja tal-ivjaġġar tal-individwu kemm għad-detenturi tal-viża u kemm għal vjaġġaturi eżenti mill-viża bħala parti essenzjali tal-valutazzjoni tar-riskju tal-ewwel linja. Se tagħmel hekk billi tissostitwixxi s-sistema attwali tal-ittimbrar tal-passaporti b'reġistru elettroniku tad-dati u postijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiddaħħlu għal permanenzi qosra. Filwaqt li l-iskop ewlieni tas-sistema jkun li tiġi mmonitorjata l-permanenza awtorizzata ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi biex din tiġi rrispettata, is-sistema tikkontribwixxi wkoll biex ittejjeb il-proċeduri tal-kontroll fuq il-fruntieri u tittejjeb is-sigurtà fil-mument tal-qsim tal-fruntieri esterni.*⁴

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-2008 evalwat firxa wiesgħa ta' għażliet politiċi u identifikat it-twaqqif ta' sistema ta' dħul/ħruġ bħala l-għażla preferuta. Din il-valutazzjoni tal-impatt tagħti ħarsa mill-ġdid lejn id-definizzjoni tal-problema globali bħala rilevanti għal dik il-konklużjoni fid-dawl ta' żviluppi li seħħew mill-2008 fir-rigward tal-aspetti tal-kontroll tal-fruntieri, il-migrazzjoni irregolari, u l-iżviluppi teknoloġiċi, fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali.

1.3. Sommarju ta' problemi ġenerali relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-migrazzjoni irregolari

- Nuqqas ta' kwalunkwe mezz elettroniku għar-reġistrazzjoni tal-movimenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għal żjarat qosra;
- Il-valur limitat ħafna ta' sistemi nazzjonali għall-fini ta' żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni bejn 26 pajjiż;
- In-nuqqas ta' mezzi biex jiġu identifikati persuni osservati fit-territorju mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar li ma jistgħux jiġu identifikati permezz tal-VIS;
- In-nuqqas ta' informazzjoni dwar min qiegħed fit-territorju tal-UE u min jikkonforma mas-sogħorn qasir massimu permess ta' tliet xhur kull sitt xhur;
- Il-kumplessità u d-dewmien tal-obbligu tal-ittimbrar attwali, li ma jiggarrantix li l-gwardjan tal-fruntiera jista' jevalwa s-sogħorn awtorizzat tal-vjaġġatur fil-fruntiera;
- In-nuqqas ta' informazzjoni dwar nazzjonalitajiet u gruppi (eżenzjoni tal-viża/obbligu tal-viża) ta' vjaġġaturi li jiskadilhom il-perjodu tas-sogħorn;
- In-nuqqas ta' informazzjoni li tista' tappoġġa verifiki każwali fit-territorju biex jinstabu persuni li qed joqogħdu b'mod irregolari.

1.4. Sommarju ta' problemi ġenerali relatati mal-aspetti tal-infurzar tal-liġi

- Nuqqas ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u l-movimenti transkonfinali ta' persuni suspettati;
- Diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' persuni soġġetti għal allert li jużaw identitajiet differenti biex jaqsmu l-fruntiera;
- Diffikultajiet biex tiġi identifikata persuna suspettata li qerdet id-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħha.

1.5. Kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali

Minħabba d-dejta personali involuta, b'mod partikolari, l-EES ikollha impatt fuq id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, minqas fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. EES tkun teħtieġ li tiggarrantixxi d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti (l-Artikolu 47 tal-Karta) biex wieħed jikkontesta notifika ta' sogħorn

⁴ COM(2011) 680 final

għal soġġorn li qabeż il-perjodu legali, per eżempju fil-każijiet ta' mawra furzata, żbalji jew meta migrant ikollu dritt legali li jibqa' fil-pajjiż.

Id-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta⁵ u r-Regolament (KE) 45/2001 għandu japplika għall-ipproċessar tad-dejta personali li titwettaq għall-għan tal-EES rispettivament mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, involuti. L-impatti negattivi tal-iskambju ta' dejta personali jridu jiġu minimizzati b'salvagwardji tekniċi xierqa kontra l-użu ħażin, limitazzjonijiet legali ċari għall-aċċess, inkluż il-limitazzjonijiet tal-iskop u l-perjodi taż-żamma tad-dejta li huma qosra kemm jista' jkun.

Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Lulju 2010 dwar l-immaniġġjar tal-informazzjoni⁶, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta għandhom ikunu inkorporati fi kwalunkwe strument ġdid li jiddependi fuq l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Dan jimplika l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet xierqa li jillimitaw l-ipproċessar tad-dejta għal dak li huwa neċessarju għall-iskop speċifiku ta' dak l-istrument u li l-għoti tal-aċċess għad-dejta jingħata biss lil dawk l-entitajiet li “jeħtieġ li jkunu jafu.” Dan jimplika wkoll l-għażla ta' perjodi limitati għaż-żamma tad-dejta li jiddependu biss fuq l-oġettivi tal-istrument u l-adozzjoni ta' mekkaniżmi li jiżguraw ġestjoni tar-riskju preċiża u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta.

Is-sistema jkollha tikkonforma mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u l-kundizzjonijiet tan-neċessità, il-proporzjonalità, il-limitazzjoni tal-iskop u l-kwalità tad-dejta. Is-salvagwardji u l-mekkaniżmi kollha għandhom ikunu fis-seħħ għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tal-vjaġġaturi, partikolarment il-protezzjoni tal-ħajja privata tagħhom u tad-dejta personali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu magħmulin konxji ta' dawn id-drittijiet.

1.6. Sussidjarjetà

Skont l-Artikoli 74 u 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni għandha l-poter li tadotta miżuri relatati mal-qsim tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri. Taħt l-Artikoli 82(1)(d) u 87(2)(a) tat-TFUE l-Unjoni għandha wkoll il-poter li tadotta miżuri biex issaħħaħ il-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja billi tiġbor, taħżen, tipproċessa, tanalizza u tiskambja l-informazzjoni rilevanti.

Ebda Stat Membru waħdu ma huwa kapaċi jlaħħaq mal-immigrazzjoni irregolari u mal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-kriminalità serja. Persuna tista' tidħol fiż-żona ta' Schengen fil-punt tal-qsim tal-fruntiera fi Stat Membru fejn jintuża reġistru nazzjonali tad-dħul/ħruġ, iżda toħroġ minn punt tal-qsim tal-fruntiera fejn l-ebda sistema bħal din ma hi użata. Il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tal-UE dwar soġġorni awtorizzati għalhekk ma jistax isir mill-Istati Membri meta jaġixxu waħedhom. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fiż-żona Schengen jistgħu jivvjaġġaw liberament fi ħdanha. F'żona mingħajr fruntieri interni, l-azzjoni kontra l-immigrazzjoni irregolari fil-prinċipju għandha tittieħed fuq bażi komuni. Meta jitqies dan kollu, l-UE qiegħda f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tieħu l-miżuri xierqa.

⁵ ĠU L 281, 23.11.1995, p.31

⁶ COM(2010) 385 finali.

2. L-GĦANIJIET TAS-SISTEMA TA' DĦUL/ĦRUĠ

L-għanijiet ġenerali ta' politika huma, skont il-prijorità:

- Biex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni irregolari;
- Li jsir kontribut għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati serji u li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna.

L-oġġettivi speċifiċi huma:

- Biex issaħħaħ l-effiċjenza fil-kontrolli fil-fruntiera permezz ta' monitoraġġ tad-drittijiet għal soġġorn awtorizzat mad-dħul u l-ħruġ, u biex ittejjeb il-valutazzjoni tar-riskju ta' soġġorn barra mill-perjodu awtorizzat;
- Sabiex isir monitoraġġ tal-konformità ma' soġġorn awtorizzat ta' persuni fi ħdan it-territorju;
- Biex tiġi ġġenerata informazzjoni affidabbli li tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jagħmlu għażliet ta' politika infurmati dwar il-viża u l-migrazzjoni;
- Biex ikunu identifikati u misjuba immigranti irregolari, speċjalment dawk li jaqbru t-tul tal-perjodu intitolati għalih, ukoll fi ħdan it-territorju u li jiżdiedu l-possibilitajiet għar-ritorn;
- Li jkunu identifikati u maqbuda dawk suspettati b'reati terroristiċi u kriminali, li jaqsmu l-fruntieri esterni;
- Biex tiġi ġġenerata informazzjoni li tista' tnaqqas id-distakk bejn l-identifikazzjoni u l-verifika li tikkonċerna ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex koperti mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u li tikkontribwixxi għall-arrest ta' suspettati terroristiċi u kriminali.

L-għanijiet operattivi huma:

- Li jinħolqu reġistri tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni;
- Li awtomatikament jiġi kkalkolat is-soġġorn awtorizzat u jinħareġ allert meta ma jkun hemm l-ebda ħruġ reġistrat wara l-iskadenza ta' soġġorn awtorizzat ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi;
- Biex titħassar id-dejta tal-EES mal-iskadenza tal-perjodu taż-żamma;
- Biex tiġi ġġenerata informazzjoni dwar id-daqs u t-tendenzi tal-movimenti bejn il-fruntieri esterni, speċjalment fir-rigward tal-immigrazzjoni irregolari;
- Biex ċittadini ta' pajjiżi terzi ikunu infurmati bid-drittijiet tagħhom u biex ikunu implimentati proċeduri effettivi ta' appell.

3. GĦAŻLIET POLITIĊI

Id-definizzjoni tal-problema u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati juru li l-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu deċiżi huma liema dejta għandha tiġi pproċessata fis-sistema u għal liema għan preċiż. Il-perjodu taż-żamma jeħtieġ li jintgħażel bħala funzjoni tal-għażliet magħmula fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kwistjonijiet, jiġifieri, għall-iqsar perjodu taż-żamma meħtieġ biex jintlaħaq l-iskop. L-erba' alternattivi ta' politika huma għalhekk dawn segwenti:

- 1) Sistema ta' dħul/ħruġ b'dejta alfanumerika għall-għan tal-kontroll fuq il-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni;
- 2) L-istess bħall-alternattiva politika 1, biż-żieda ta' dejta bijometrika;
- 3) L-istess bħall-alternattiva politika 1, iżda l-għan tas-sistema jiġi estiż sabiex jinkludi wkoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja;

- 4) L-istess bħall-alternattiva politika 1, iżda biż-żieda ta' dejta bijometrika u li l-għan tas-sistema jiġi estiż sabiex jinkludi wkoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati serji (b'hekk taħlita tal-għażliet ta' politika 2 u 3).

Ladarba l-għażla politika preferuta tkun ġiet identifikata – fi kliem ieħor, x'se tagħmel is-sistema – għandha ssir għażla kif tiġi implimentata s-sistema teknikament.

Il-perjodu taż-żamma fir-rigward tal-għażliet tal-politika jkunu dan li ġej:

- Għal sistema ta' dħul/ħruġ stabbilita fuq il-bażi tal-alternattivi ta' politika 1 jew 2, bħala regola ġenerali 6 xhur, filwaqt li għal vjaġġaturi li ma jkunux għadhom haġġu mit-territorju fil-perjodu tas-soġġorn awtorizzat, il-perjodu jkun ta' 5 snin, u għall-parteciċipanti fl-RTP perjodu ekwivalenti għaż-żmien li fih dawn jingħataw aċċess għas-sistema;
- Għal sistema ta' dħul/ħruġ stabbilita fuq il-bażi tal-alternattivi ta' politika 3 jew 4, il-perjodu ta' żamma għandu jkun ta' ħames snin għall-vjaġġaturi kollha.

4. TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI U IDENTIFIKAZZJONI TAL-ALTERNATTIVA TA' POLITIKA PREFERUTA

4.1. It-Tqabbil tal-alternattivi

Tabella 1 – Valutazzjoni komparattiva tal-alternattivi ta' politika

Għan/alternattiva ta' politika	Linja bażi (Alternattiva ta' politika nru 0:	Alternattiva ta' politika nru 1:	Alternattiva ta' politika nru 2:	Alternattiva ta' politika nru 3:	Alternattiva ta' politika nru 4:
L-objettiv tal-politika: Biex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni irregolari;	0	√√	√√√	√√	√√√
L-objettiv tal-politika: Biex jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-kriminalità serja.	0	0	0	√√	√√√
L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali	0	-√	-√√	-√√	-√√√√
L-impatt fuq il-ġestjoni tal-fruntieri	0	0	0	0	0

It-tabella 1 tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni tal-impatti. It-tqabbil li ġej u l-identifikazzjoni tal-alternattiva ppreferuta se tqis ukoll il-kriterji li ġejjin:

- Effettività - il-punt sa fejn l-alternattivi jiksbu l-għanijiet tal-proposta
- Effiċjenza – il-punt sa fejn l-għanijiet jistgħu jinkisbu bl-inqas spejjeż;
- Koerenza – il-grad li fih l-għażliet huma koerenti mal-għanijiet ewlenin ta' politika tal-UE.

Diffikultà żvelata mill-istima tal-impatti ta' kull alternattiva ta' politika hija n-nuqqas ta' dejta disponibbli, li notevolment tinfluwenza l-possibbiltà sabiex titqabbel l-effettività tal-

alternattivi ta' politika 1-4. Is-suppożizzjoni li sistema bl-użu tal-bijometriċi se jkollha impatt ogħla fuq il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, u li bħala konsegwenza l-alternattivi ta' politika 2 u 4 ikunu iktar effettivi, hija influwenzata mis-sehem ta' persuni li mhumiex soġġetti għall-obbligu tal-viża li jibqgħu fit-territorju wara li jkun skadielhom il-perjodu tas-soġġorn, u n-numru eżatt ta' dawn mhux magħruf. L-impatt negattiv fuq il-proċess tal-ġestjoni tal-fruntieri għall-verifika tal-bijometriċi ta' dan il-grupp ta' vjaġġaturi jista' biss jiġi evalwat bis-sħiħ meta l-VIS tiġi implimentata bis-sħiħ. Ugwalment għall-valutazzjoni tal-impatt għall-ġhotti tal-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, dejta komprensiva għadha nieqsa, minħabba li l-input ipprovdut mill-esperti tal-Istati Membri s'issa baqa' primarjament ġenerali u l-esperjenzi ta' aċċess għall-VIS għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi għadhom mhumiex disponibbli. Jista' jiġi nnotat li d-dejta tad-dħul/ħruġ tista' tkun neċessarja għall-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra fil-każ li jinvolvu vyjaġġar internazzjonali. Barra minn hekk, l-impatt pożittiv fuq l-għan tas-sejbien u l-identifikazzjoni ta' suspettati terroristiċi u kriminali huwa ogħla għal sistema bl-użu tal-bijometriċi.

Il-valutazzjoni tal-alternattiva ppreferuta fir-rigward tal-inklużjoni ta' dejta bijometrika trid tibda mill-iskop ewlieni tas-sistema, relatat mal-kontroll tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. Fuq dik il-bażi l-alternattiva 2 għandha l-ogħla impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. L-impatti negattivi potenzjali fuq il-proċess tal-ġestjoni tal-fruntieri jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' perjodu transitorju, fejn is-sistema tkun topera bbażata fuq dejta alfanumerika għall-ewwel tliet snin u sussegwentement fuq il-bażi ta' dejta bijometrika u alfanumerika.

Fuq dik il-bażi, fir-rigward tal-aċċess għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, l-impatt negattiv totali fuq id-drittijiet fundamentali tal-għażla 4 jista' jitqies bħala potenzjalment sproporzjonat, anke meta titqies il-ħtieġa għal perjodu ferm itwal taż-żamma.

Evalwazzjoni wara perjodu ta' sentejn, li tqis ukoll l-esperjenzi tal-implimentazzjoni tal-VIS fir-rigward tal-aċċess għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi u esperjenzi ġenerali fir-rigward tal-operat tal-EES, tippermetti li wieħed jirritorna għall-kwistjoni tal-aċċess għall-infurzar tal-liġi fuq il-bażi ta' informazzjoni u dejta aktar konkreti biex jiġu evalwati l-impatti f'aktar dettall.

Il-ħtieġa li jingħata aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi għas-sistema kif ukoll il-perjodu taż-żamma jista' għalhekk jiġu kkunsidrati meta s-sistema ta' dħul/ħruġ tiġi evalwata wara perijodu ta' sentejn. Fil-qosor, l-għażla preferuta hija għalhekk l-għażla politika 2, b'evalwazzjoni li hija prevista wara sentejn ta' operar, li warajha ssir evalwazzjoni biex wieħed iqis għandniex nimxu għall-alternattiva politika 4. Kwalunkwe bidla bħal din (jiġifieri lejn l-alternattiva politika 4) fir-rigward ta' skopijiet tal-infurzar tal-liġi, u/jew it-tibdil fil-perjodu taż-żamma se jeħtieġu proposta leġiżlattiva ġdida mill-Kummissjoni.

4.2. L-implimentazzjoni teknika

Globalment l-approċċ ċentralizzat huwa l-iktar effiċjenti u l-iktar soluzzjoni kost-effettiva. Huwa wkoll koerenti mal-iżvilupp u l-ġestjoni ta' sistemi oħra tal-IT fil-qasam tal-migrazzjoni, jiġifieri l-EURODAC, il-VIS u s-SIS/SIS II.

4.3. L-alternattiva preferuta

Is-soluzzjoni ppreferuta għal EES hija li din tibda b'sistema bbażata fuq l-għażla politika 2 u wara sentejn ta' operar jiġi evalwat il-bżonn jekk ngħaddux għall-għażla ta' politika 4:

- L-EES, għall-ewwel, topera bħala bażi tad-dejta ċentralizzata li jkun fiha biss dejta numerika u mingħajr aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Il-perjodu taż-żamma tad-dejta għal każijiet ordinarji jkun ta' 6 xhur u fil-każ ta' dawk li jaqbuż s-soġġorn awtorizzat 5 snin.
- Wara tliet snin ta' operar, l-EES tibda topera b'dejta bijometrika u alfanumerika (din tal-ewwel tikkonċerna persuni li mhux soġġetti għall-obbligu tal-viża).
- Wara sentejn ta' operat, l-EES tiġi evalwata. F'dan iż-żmien il-kwistjoni tal-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi kif ukoll il-perjodu taż-żamma jiġu kkunsidrati mill-ġdid.
- Madankollu, sabiex jingħata aċċess lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad-dejta ġġenerata mis-sistema tad-dħul/ħruġ fit-tieni fażi, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-użu ta' din id-dejta għandhom jiġu murija b'evidenza solida u l-aċċess irid isir flimkien ma' salvagwardji xierqa u limitazzjonijiet.

4.4. Spejjeż tal-alternattiva ppreferuta

Tabella 2 – Spejjeż tal-alternattiva ppreferuta

	L-ispiża ta' darba għall-iżvilupp fil-livell nazzjonali u ċentrali (3 snin ta' żvilupp) (f'miljuni ta' EUR)	L-ispejjeż operattivi annwali fil-livell nazzjonali u ċentrali (5 snin ta' operar) (f'miljuni ta' EUR)	L-ispejjeż totali fil-livell nazzjonali u ċentrali (f'miljuni ta' EUR)
Sistema ċentralizzata bijometrika miżjuda iktar tard	183 (SM 146 UE 37)	88 (SM 74 UE 14)	623

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss (MFF) tinkludi proposta ta' 4,6 biljun EUR għall-Fond dwar is-Sigurtà Interna (ISF) għall-perjodu 2014-2020. Fil-proposta, 1.1 biljun EUR huma mwarrba bħala ammont indikattiv għall-iżvilupp tal-EES u RTP jekk wieħed jassumi li l-ispejjeż tal-iżvilupp jibdeu mill-2015, u jkopru perjodu ta' operar ta' 4 snin. Barra minn hekk, barra mill-ambitu tal-ISF, ammont separat ta' 822 miljun EUR huwa mwarrab għall-ġestjoni ta' sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira (is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi u l-EURODAC).

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tagħti x-xogħol ta' implimentazzjoni ta' dan il-programm lill-Aġenzija għal Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fil-qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill⁷. Il-provvediment ta' appoġġ finanzjarju għall-ispejjeż tal-iżvilupp nazzjonali ser jiżgura li ċ-ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli fil-livell nazzjonali ma jipperikolawx jew idewmu l-proġetti.

L-iffrankar tal-ispejjeż jista' wkoll jinkiseb jekk is-sistema ta' dħul/ħruġ tiġi mibnija flimkien mal-programm ta' vjaġġatur irregjistrat, minflok li ż-żewġ sistemi jinbnew b'mod kompletament indipendenti. L-ispejjeż ewlenin jiġu frankati fil-livell ċentrali (UE) minn spejjeż imnaqqa għal hardware, software u infrastruttura u fil-livell tal-Istati Membri minn tfaddil fl-ispejjeż amministrattivi u spazju għall-uffiċċji.

⁷ ĠU L 286, 1.11.2011, p.1.

5. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi sabiex jikkontrollaw il-funzjonament tas-sistema ta' dħul/ħruġ u tevalwahom skont l-għanijiet prinċipali tal-politika. Sentejn wara li s-sistema tibda taħdem u kull sentejn wara dan, l-Awtorità tat-Tmexxija għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-sistema. Barra minn hekk, sentejn wara li tibda topera s-sistema ta' dħul/ħruġ u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni globali tas-sistema inkluż l-impatti fuq id-drittijiet fundamentali u fuq l-eżaminazzjoni tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet u tevalwa l-validità kontinwa tar-raġunijiet bażiċi u kwalunkew implikazzjoni għall-alternattivi fil-futur. L-ewwel evalwazzjoni għandha tiffoka fuq jekk l-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi għandux jingħata u jekk il-perjodu ta' żamma għandux ikun estiż u jkunx akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-rapporti dwar l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.